**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 316/10VG**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**Vs**

**Anna Maria Busuttil u John Busuttil**

**Illum 30 ta' Mejju 2016**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, bhala successur fil-poteri u drittijiet ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, fis-6 ta' Settembru 2010 permezz ta' liema titlob li Anna Maria Busuttil u John Busuttil, solidalment bejniethom, jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' erbat elef hames mija u tnejn u disghin Euro u hamsa u tletin centezmu (€4,592.35) rapprezentanti drittijiet ta' rmigg (*berthing fees*) pendenti fir-rigward tal-lancja "Whittern", liema facilitajiet ta' rmigg gew provduti lilhom fuq talba taghhom stess fil-marinas ta' l-Imsida u ta' l-Imgarr, Ghawdex, gestiti mill-istess Awtorità, liema ammont jirrizulta mill-ahhar *statement of account* mahrug fuq il-lancja "Whittern" anness mar-Rikors bhala Dok. "A", bl-imghax legali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju 2010, kontra Anna Maria Busuttil u John Busuttil;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta li fir-rigward ta' John Busuttil, parti mill-ammont mitlub f'din il-kawa, senjatament is-somma ta' tlett elef u sitta u disghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€3,096.94) hija già koperta b'titolu ezekuttiv illi jirrizulta minn ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru 2009, liema ittra giet reza ezekuttiva ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, dejjem fil-konfront ta' John Busuttil, il-proceduri odjerni huma ghall-bilanc ta' elf erba' mija hamsa u disghin Euro u wiehed u erbghin centezmu (€1,495.41);

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" sa' Dok. "C" a fol. 2 sa' 13 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Anna Maria Busuttil permezz ta' liema teccepixxi li: (i) fl-ewwel lok, hija ma ghandha l-ebda rapport guridiku ma' l-Awtorità attrici; (ii) is-solidarjetà ta' l-obbligu ta' hlas pretiz mill-Awtorità attrici ghandha tigi ippruvata; (iii) huwa l-konvenut John Busuttil li, ad eskluzzjoni taghha, ghamel uzu tal-lancja "Whittern", ghal liema lancja jirrigwardaw il-kontijiet meritu ta' dawn il-proceduri; (iv) din l-azzjoni, almenu in parte, ma ghadhiex aperta ghall-Awtorità attrici già ladarba hija tippossjedi titolu ezekuttiv;

Rat ir-Risposta ta' John Busuttil permezz ta' liema jeccepixxi li: (i) it-talba ta' l-Awtorità attrici f'dak li jirrigwarda l-pendenza kontrih hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ma ghandux ibaghti spejjez ghal din il-proceduri; (ii) l-ammont pretiz mill-Awtorità attrici huwa eccessiv u dan stante li r-rata ghall-pagament mitluba hija iktar minn dik ikkontrattata mieghu; (iii) huwa ma giex notifikat bl-ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju 2010 kif jirrizulta mid-dokument Dok. "C" anness mar-Rikors promotur;

Semghet ix-xhieda ta' Christopher Schembri, Berthing Master tal-Yacht Marina immexxija mill-Awtorità attrici, moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011[1] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 44 sa' 48 tal-process u rat id-dokument, ossia kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat 21 ta' Gunju 2011, esebit mill-konvenuta permezz ta' Nota pprezentata fil-25 ta' Novembru 2011 a fol. 49 sa' 54 tal-process;

Rat li b'Digriet moghti fl-20 ta' April 2012[2], l-istadju tal-provi tal-konvenuti gie dikjarat maghluq;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni l-Awtorità attrici, bhala successur fil-poteri u drittijiet ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, titlob li l-konvenuti, solidlament bejniethom, jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' €4,592.35, rapprezentanti drittijiet ta' irmigg (*berthing fees*) pendenti fir-rigward tal-lancja "Whittern", liema facilitajiet ta' irmigg gew provduti lilhom fuq talba taghhom stess fil-marinas ta' l-Imsida u l-Imgarr, Ghawdex, gestiti minnha. L-Awtorità attrici pprecizat però li fir-rigward tal-konvenut John Busuttil it-talba taghha hija limitata ghall-ammont ta' €1,495.41, stante li fir-rigward tas-somma ta' €3,096.94, hija già ghandha titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu nascenti minn Ittra Ufficjali a

[1] Fol. 55 tal-process.
[2] Fol. 65 tal-process.

tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra ufficjali giet reza ezekuttiva.

Il-konvenuta Anna Maria Busuttil tilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) fl-ewwel lok, hija ma ghandha l-ebda rapport guridiku ma' l-Awtorità attrici; (ii) is-solidarjetà ta' l-obbligu ta' hlas pretiz mill-Awtorità attrici ghandha tigi ippruvata; (iii) huwa l-konvenut John Busuttil li, ad eskluzzjoni taghha, ghamel uzu tal-lancja "Whittern", ghal liema lancja jirrigwardaw il-kontijiet meritu ta' dawn il-proceduri; (iv) din l-azzjoni, almenu in parte, ma ghadhiex aperta ghall-Awtorità attrici già ladarba hija tippossjedi titolu ezekuttiv.

Il-konvenut John Busuttil jilqa' ghat-talbiet attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) it-talba ta' l-Awtorità attrici f'dak li jirrigwarda l-pendenza kontrih hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ma ghandux ibaghti spejjez ghal din il-proceduri; (ii) l-ammont pretiz mill-Awtorità attrici huwa eccessiv u dan stante li r-rata ghall-pagament mitluba hija iktar minn dik ikkontrattata mieghu; (iii) huwa ma giex notifikat bl-ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju 2010 kif jirrizulta mid-dokument Dok. "C" anness mar-Rikors promotur.

L-Awtorità attrici tikkontendi – u dan kif johrog car mir-Rikors promotur – li hija successur fil-poteri u drittijiet ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta. Bhala fatt a tenur ta' l-Att XV ta' l-2009, Att dwar l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta, Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament ta' l-Artikoli 36 *et sequitur* ta' l-imsemmi Att[3], certi assi, inkluz setghat u jeddijiet li qabel id-data tad-dhul fis-sehh tat-Taqsima VI tal-Kap.499 tal-Ligijiet ta' Malta[4] kienu jappartjenu fost ohrajn lill-Awtorità Marittima ta' Malta, li fiz-zmien kienet responsabbli mill-irmigg ta' bcejjec tal-bahar[5], gew trasferiti a favur l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta. B'hekk kwalunkwe arretrati ta' drittijiet ta' rmigg ghall-perijodu qabel l-1 ta' Jannar 2010[6] li kienu dovuti lill-Awtorità Marittima ta' Malta gew trasferiti lill-Awtorità attrici u b'effett mid-dhul fis-sehh ta' l-Att XV ta' l-2009, ossia l-1 ta' Jannar 2010, saret l-Awtorità attrici responsabbli mill-irmigg ta' bcejjec tal-bahar u ghalhekk dritt ta' irmigg dovut minn tali data 'l quddiem huma direttament dovuti lilha.

Mir-rendikont relattiv ghall-lancja "Whittern" esebit mill-Awtorità attrici flimkien mar-Rikors promotur[7] jirrizulta li d-drittijiet ta' l-irmigg relattivi ghall-imsemmija lancja pretizi mill-Awtorità attrici jkopru l-periojdu bejn it-8 ta' Jannar 2008 u l-31 ta' Lulju 2010[8], perijodu dan li jaqa' taht il-kontroll u poteri ta' l-istess Awtorità attrici. Mic-certifikat ta' registrazzjoni tal-lancja "Whittern", esebit mill-Awtorità attrici bhala Dok. "A" a fol. 44 u 45 tal-

[3] Taqsima VI ta' l-Att.
[4] 1 ta' Jannar 2010, Avviz Legali 349 ta' l-2009.
[5] Kap.352 tal-Ligijiet ta' Malta.
[6] Id-data tad-dhul fis-sehh tat-Taqsima VI ta' l-Att XV ta' l-2009.
[7] Dok. "A" a fol. 2 u 3 tal-process.
[8] Bhala fatt ir-rendikont esebit minn Christopher Schembri jkopri perijodi ulterjuri li però ma humiex meritu ta' dawn il-proceduri.

process jirrizulta li b'effett mis-26 ta' April 2000 il-*sole registered owner* ta' l-imsemmija lancja kienet il-konvenuta Anna Maria Busuttil u mix-xhieda ta' Christopher Schembri[9], *Berthing Master* tal-Yacht Marina mexxija mill-Awtorità attrici, liema xhieda ma gietx kontradetta minn ebda wiehed mill-konvenuti, jirrizulta li l-*berthing right* kien jghajjat lill-konvenuta Anna Maria Busuttil, tant illi l-kontijiet ghad-dritt ta' l-irmigg kienu jinhargu f'isimha. Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk ma tistax titqies bhala gustifikata l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta fis-sens illi hija ma ghandha l-ebda rapport guridiku ma' l-Awtorità attrici, u ghaldaqstant tali eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Ghalkemm il-konvenuta teccepixxi wkoll li kien il-konvenut li, ad eskluzzjoni taghha, kien jaghmel uzu mill-lancja "Whittern", ghal liema lancja jirreferu d-drittijiet ta' l-irmigg mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tqis li l-obbligu tal-hlas ghad-drittijiet ta' irmigg jaqa' fuq il-konvenuta u mhux fuq il-konvenut. In effetti l-irmigg in kwistjoni gie provdut lill-lancja "Whittern" proprjetà tal-konvenuta, u ghalhekk irrispettivvament minn min seta' kien qed juza dik il-lancja f'dik l-okkazzjoni partikolari jew tul il-perijodu kollu in kwistjoni, guridikament il-hlas tad-dritt ta' irmigg huwa dovut lill-Awtorità attrici appuntu minn sid il-lancja, ossia l-konvenuta, u minn hadd iktar. Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuta ghandha tigi michuda wkoll.

Il-konvenut jeccepixxi illi t-talba attrici ghall-hlas tad-drittijiet ta' irmigg in kwantu diretta fil-konfront tieghu hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Evidentement il-konvenuta dan ma taqbilx mieghu, sia ghaliex kif già osservat eccepiet b'mod car illi b'referenza ghad-drittijiet ta' irmigg in kwistjoni l-lancja "Whittern" kienet qed tigi uzata mill-konvenut ad eskluzzjoni taghha, eccezzjoni din li ma tisthoqqx li tigi milqugha, u sia wkoll ghaliex permezz ta' Nota ipprezentata fil-25 ta' Novembru 2011 esebit kuntratt ta' separazzjoni bejnha u l-imsemmi konvenut John Busuttil fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat 21 ta' Gunju 2011[10].

Mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, li gie pubblikat fil-mori ta' dawn il-proceduri, jirrizulta li bis-sahha ta' l-istess gie *inter alia* miftiehem bejn il-konvenuta Anna Maria Busuttil u l-konvenut John Busuttil illi d-dghajsa bl-isem "Whittern" tat-tip Trimlet li fiha 36 pied u li ggib in-numru tar-registrazzjoni S-5428 bit-tender, il-magni u l-istrumenti kollha relatati, **inkluz kwalsiasi arretrati ta' multi, *registration fees* u *berthing fees* fir-rigward ta' l-istess** jigu assenjati, u bhala fatt bis-sahha ta' l-istess gew assenjati, a favur il-konvenut John Busuttil accettanti[11]. Nonostante tali assunzjoni ta' l-arretrati ta' *berthing fees* relattivi ghall-lancja "Whittern" da parte tal-konvenut John Busuttil, il-Qorti hija tal-fehma li l-posizzjoni

[9] Moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011, fol. 55 tal-process.
[10] Fol. 49 sa' 54 tal-process.
[11] Klawsola Nru. 6 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

guridika vis-à-vis l-Awtorità attrici, ossia li l-ammont pretiz huwa lilha dovut mill-konvenuta, ma tinbidilx.
Huwa principju guridiku assodat illi *d-debitur ma jistax jehles mir-responsabbilitajiet tieghu billi jitfa' d-dejn fuq iehor; biex dan isehh irid jirrizulta mhux biss li l-kreditur kien infurmat b'dan, imma li accetta dik l-assenjazzjoni*[12] u li *kreditur jista' jcedi l-jeddijiet tieghu lil terzi, izda debitur ma jistax icedi d-djun minghajr il-kunsens tal-kreditur*[13]. Apparte minn hekk kif osservat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Galea v. Mario Hallett noe et noe, Citaz. Nru. 1391/99** deciza fit-28 ta' Gunju 2001, *fis-sentenza "Carmelo Farrugia v. Annetta Galea et" (P.A. 11 ta' Gunju 1959) … gie affermat li: "Biex ikun hemm novazjoni bit-tbiddil tad-debitur jehtieg li d-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, u dan jigi mehlus mill-kreditur. It-tismija wehidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku ma ggibx novazzjoni, imma huwa indispensabbli il-kunsens tal-kreditur biex tigi operata n-novazzjoni; u d-delegazzjoni li biha id-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor li jintrabat lejn il-kreditur ma ggibx novazzjoni jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volontà tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni". Illi aktar ricentement fil-kawza "Franco Busuttil noe v. Anthony Mallia" (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet li: "Illi skond il-ligi (artikolu 1180(2) Kodici Civili, Kap.16) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibilità bejn iz-zewg obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943).*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami fejn, ghad illi l-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat 21 ta' Gunju 2011 gie esebit fl-atti tal-proceduri u b'hekk jista' jinghad illi l-Awtorità attrici giet a konoxxenza ta' l-assunzjoni ta' l-arretrati tal-*berthing fees* da parte tal-konvenut, ma jirrizultax li l-istess Awtorità attrici accettat li tillibera lill-konvenuta mir-responsabilitajiet taghha versu l-hlas ta' l-ammont pretiz b'dawn il-proceduri. In effetti l-istess Awtorità attrici zammet ferma l-posizzjoni taghha vis-à-vis il-konvenuta in kwantu ma jirrizultax li cediet il-meritu tal-proceduri fil-konfront ta' l-istess konvenuta.

Jehtieg issa tigi trattata l-kwistjoni tas-solidarjetà bejn il-konvenuti sollevata mill-Awtorità attrici fir-Rikors promotur.

Ghalkemm l-Awtorità attrici ma tatx wisq spjegazzjoni fuq liema bazi hija tikkontendi li l-konvenuti huma solidalment responsabbli ghall-hlastijiet tad-drittijiet ta' irmigg pretizi b'dawn il-proceduri, partikolarment meta jirrizulta

[12] Victor Balzan noe v. Kevin Sammut et, Citaz. Nru. 637/95 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Mejju 2003.
[13] V.A.B. Company Limited v. Maria Isabella sive Marisa Turkdogan, Citaz. Nru. 2110/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2002.

li ghall-Awtorità d-debitur principali taghha hija l-konvenuta[14], il-Qorti hija tal-fehma li l-Awtorità titlob li l-konvenuti jigu kkundannati solidalment bejniethom stante li fil-perijodu meritu ta' dawn il-proceduri kienu mizzewgin.

Fir-rigward tas-solidarjetà bejn il-konjugi issir referenza ghal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel sive Charles Sciberras pro et noe v. Youssef Rouni et, Appell Civili Nru. 81/03** deciza fid-9 ta' Novembru 2005: *in tema ta' solidarjetà ta' obbligazzjoni din trid tkun jew stabbilita bil-ligi jew espressament mifthema (Artikolu 1089, Kodici Civili). Li jfisser illi allura s-solidarjetà ma tistax tigi prezunta (ara Kollez. Vol. XXX PII p 82; Vol. XLII PII p928). Huwa biss fl-obbligazzjonijiet kummercjali, ex Artikolu 115 tal-Kodici tal-Kummerc, li hu prezunt li l-kondebituri huma obbligati in solidum jekk ma jkunx hemm ftehim kuntrarju (ara Kollez Vol. XXXVIII PI p343). Fil-fattispecje jirrizulta li l-konvenuti huma mizzewga, jew ghall-anqas hekk kienu meta kkuntrattaw il-lokazzjoni, kienu in mora fil-hlas u fil-mument li gew azzjonati ghall-hlas. Din is-sitwazzjoni iggib li l-komunjoni ta' l-akkwisti flimkien taghmel tajjeb ghad-djun naxxenti inter alia minn 'kull obbligu li jintrabut ghalih flimkien iz-zewg mizzewgin' [Artikolu 1327(d), Kodici Civili]. Issa l-komunjoni ta' l-akkwisti huwa istitut specjali fil-ligi taghna li jirrapprezenta bhala socjetà partikolari (Kollez. Vol. XXX PI p18). Dak li hu cert però hu li l-komunjoni mhix dotata b'personalità in bazi ghall-precitat artikolu tal-Kodici Civili u dawk id-disposizzjonijiet l-ohra annoverati taht is-Sub-Titolu III (Fuq il-Komunjoni ta' l-Akkwisti) ta' l-istess Kodici. Dan premess, huwa indubitat illi l-obbligazzjoni assunta mill-konvenuti kienet wahda kongunta mwielda mill-istess kontrattazzjoni tal-kirja. Konsegwentement kull wiehed mill-konjugi, in kwantu kompartecipi f'komunjoni, huwa kondebitur solidali. Dan mhux biss ghaliex tali soldarjetà tohrog mill-kuntrattazzjoni nnifisha izda ghaliex, kif fuq muri, is-solidarjetà tidderivi minn provvediment specifiku tal-Ligi. L-istruttura ta' l-obbligazzjoni solidali fil-kaz prezenti hi individwata mill-konkors tat-tlett elementi fundamentali taghha u cioè (a) pluralità ta' oggetti; (b) l-idem debitum; u (c) eadem causa obligandi. Ir-ratio imbaghad, ta' din is-solidarjetà huwa dak li jittutela l-interessi tal-kredituri. Dan kollu jwassal biex jigi ritenut illi allura kull wiehed mill-konjugi jwiegeb ghall-intier tant illi l-kredituri – salv ghall-kwistjoni tar-rapprezentanza in gudizzju fil-kaz ta' att ta' amministrazzjoni straordinarja, kif inhu propju dan il-kaz, a norma ta' l-Artikolu 1322(3)(d), Kodici Civili – setghu jinsistu ghall-hlas minghand wiehed mill-kontitolari tal-kirja, hekk kif jiddixxipina l-Artikolu 1094, Kodici Civili. Is-sentenza in re: "Giuseppe Cachia v. Dr. Vincenzo Grech et noe" riportata a Vol. V pagna 329, filwaqt li tirriafferma li s-solidarjetà ma hi qatt prezunta, tissokta tosserva a propozitu illi "giusto l'articolo 800 (illum Artikolu 1094, Kodici Civili) l'obbligazione è solidaria per parte de debitori, quando essi sono obbligati ad una medesima cosa, in maniera che*

[14] Vide xhieda ta' Christopher Schembri moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2011, fol. 55 tal-process.

*ciascuno di essi possa essere costretto al pagamento della totalità…". Taht ir-regim matrimonjali taghna l-unika deroga fejn jistax jinghad li tezisti din is-solidarjetà huwa l-kaz kontemplat fl-Artikolu 1329(1) tal-Kapitolu 16 u cioè fir-rigward ta' djun li jsiru minn xi hadd fost il-konjugi u li ma jitbatewx mill-komunjoni ta' l-akkwisti. L-obbligazzjoni assunta minn dak il-konjugi ma tqieghedx lill-konjugi l-iehor fil-veste ta' debitur solidali. Dan il-principju jopera indipendentement mill-fatt li l-konjugi jinsabu f'regim ta' komunjoni. Hi biss il-kwota tal-komunjoni tal-konjugi obbligat li sussidjarjament taghmel tajjeb, u dan biss f'kaz li t-talba tal-krendituri kontra l-beni parafernali tieghu jew taghha tibqa' insodisfatta.*

Meta dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-imsemmija sentenza jigi applikat ghall-fatti tal-kaz in ezami jirrizulta immedjatament evidenti li f'dan il-kaz il-solidarjetà bejn il-konvenuti ma tissussistix u dana ghar-raguni li skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat 21 ta' Gunju 2011[15], in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Mangion datat 31 ta' Mejju 1991 il-konvenuti xoljew b'effett immedjat il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejniethom. B'hekk ladarba bejn il-konvenuti ma kenitx tissussisti l-komunjoni ta' l-akkwisti, jsegwi li l-principju tas-solidarjetà bejn il-konjugi, ibbazat appuntu fuq l-ezistenza tal-komunjoni, fil-kaz in ezami ma japplikax.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jirrizulta li t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta jehtieg li tigi milqugha kif ukoll ghandha tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Peress illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut tirrizulta gustifikata u jisthoqq li tigi milqugha, il-Qorti hija tal-fehma li ma hemmx il-htiega li tittratta it-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement tastejni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

Jifdal ghalhekk li tigi trattata r-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuta u cioè li *din l-azzjoni, almenu in parte, ma ghadhiex aperta ghall-Awtorità attrici gia ladarba tipposjedi titolu ezekuttiv.*

Mill-atti processwali jirrizulta li l-Awtorità attrici in forza ta' ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 11 ta' Novembru 2009[16], interpellat lill-konvenut John Busuttil sabiex ihallasha s-somma ta' €3,096.64 rapprezentanti drittijiet ta' rmigg (*berthing fees*) bhala hlas ghall-facilitajiet ta' irmiggar u servizzi ohra ancillari provduti lilu fuq talba tieghu stess fir-rigward tal-boat "Whittern" fil-marinas ta' l-Imsida u ta' l-Imgarr, Ghawdex, liema ammont, kif ammess mill-istess Awtorità attrici, jifforma parti mill-kreditu pretiz mill-istess Awtorità f'dawn il-proceduri. Din l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva fis-7 ta' Jannar 2010 u ghaldaqstant l-

[15] Fol. 50 sa' 54 tal-process.
[16] Fol. 5 sa' 7 tal-process.

Awtorità attrici ghandha, ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut ghall-ammont ta' €3,096.64.

Nonostante ciò però il-Qorti tqis li fid-dawl ta' dak kollu osservat iktar 'l fuq f'din is-sentenza, ir-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuta ma tistax tigi milqugha. Ghad illi jezisti tali titolu ezekuttiv ma jirrizultax li l-istess gie esegwit u ghaldaqstant sa' llum il-kreditu ta' l-Awtorità attrici ghadu ma thallasx b'dana ghalhekk illi ghadha f'posizzjoni li tottjeni l-hlas ta' tali kreditu minghand min effettivament huwa dovut, u cioè minghand il-konvenuta.

Ghalhekk il-Qorti tqis li r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta ma hijiex gustifikata u ma jisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentement tichad it-talba attrici in kwantu diretta fil-konfront tieghu;
2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tielet eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut;
3. Tilqa' t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta izda tichad l-ewwel, it-tielet u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-istess konvenuta;
4. Tilqa' t-talba attrici in kwantu diretta fil-konfront tal-konvenuta; u konsegwentement
5. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-Awtorità attrici s-somma ta' €4,592.35 rapprezentanti drittijiet ta' rmigg (*berthing fees*) pendenti fir-rigward tal-lancja "Whittern", liema facilitajiet ta' rmigg gew provduti fil-marinas ta' l-Imsida u ta' l-Imgarr, Ghawdex, gestiti mill-istess Awtorità, bl-imghax legali dekoribbli mid-29 ta' Mejju 2010, id-data tan-notifika lill-konvenuta ta' l-Ittra Ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 21 ta' Mejju 2010, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, hlief ghal dak relattivi ghall-konvenut, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta filwaqt illi l-ispejjez relattivi ghall-konvenut ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità attrici.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**